MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 47/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joseph Angileri, Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro**

1. Dan huwa appell tal-akkużati [“l-appellanti”] mis-sentenza mogħtija fl-20 ta’ Frar 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li kienet sabithom ħatja ta’ dak li bih kienu mixlija.

2. L-appellanti kienu mixlija taħt l-artt. 5, 15 u 45 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kap. 452] talli “fil-kwalità [tagħhom] ta’ diretturi u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjetà *Gozo Channel Company Limited* … … … u/jew bħala l-persuni li [kienu] inkarigati mill-istess soċjetà sabiex [iħallsu] l-pagi dovuti, [huma naqsu li jħallsu] l-pagi kollha sas-7 ta’ Frar 2005 fl-ammont ta’ disat elef, disa’ mija u dsatax-il lira ta’ Malta u sebgħa u

tmenin ċenteżmu (Lm9,919.87) lill-*ex*-impjegata tas-soċjetà msemmija Dulcima Aquilina fit-tmiem tal-impjieg tagħha fis-7 ta' Frar 2005".

3. Il-qorti kienet ukoll mitluba "li tordna lill-akkużati li jħallsu lill-persuna fuq imsemmija l-ammont ta' Lm9,919.87 … … … għar-raġunijiet fuq imsemmija".

4. Is-sentenza tal-20 ta' Frar 2006 sabet lill-appellanti ħatja tal-akkużi miġjuba kontriehom, ikkundannathom għall-ħlas ta' multa ta' elf lira (Lm1,000) – daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – u ordnat il-ħlas ta' Lm9,919.87 – daqs tlieta u għoxrin elf, mija u seba' euro u tmien ċenteżmi (€23,107.08) – lill-*ex*-impjegata tas-soċjetà *Gozo Channel Company Limited* [is-Soċjetà] taħt l-art. 45(2) tal-Kap. 452.

5. B'rikors tal-appell ippreżentat fit-28 ta' Frar 2006 l-appellanti talbu illi din il-qorti "tħassar is-sentenza appellata u tilliberahom minn kull imputazzjoni u, fin-nuqqas, tbiddel il-piena inflitta għal waħda aktar raġonevoli fiċ-ċirkostanzi".

6. Il-fatti relevanti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: Dulcima Aquilina kienet impjegata bħala *first officer* fuq bastiment tas-Soċjetà. Fl-1 ta' Diċembru 2003 għarrfet lis-Soċjetà li kienet tqila u, billi x-xogħol fuq il-bastiment kien ikun ta' perikolu fil-kondizzjoni tagħha, talbet illi matul iż-żmien tat-tqala tingħata xogħol ieħor. Kienet mgħarrfa illi x'aktarx seta' jingħatalha xogħol ieħor fuq l-art, iżda għal dan kienet meħtieġa konferma mingħand iċ-*chairman* tas-Soċjetà. Sadanittant kellha toħroġ *on sick leave*.

7. Aquilina għalhekk ma daħlitx għax-xogħol. Baqgħet tistenna li tisma' mingħand is-Soċjetà li setgħet tidħol għax-xogħol fuq l-art iżda baqgħet ma semgħet xejn, għalkemm regolarment kienet tikteb biex tgħid illi kienet qiegħda tistenna tweġiba dwar il-pożizzjoni tagħha. Ġara wkoll illi, għax-xhur ta' Jannar, Frar u nofs Marzu tal-2004, is-Soċjetà ħallset lil Aquilina bin-nieqes, għax dehrilha illi d-differenza kien qiegħed joħroġha d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Mill-15 ta' Marzu 2004, imbagħad, ma baqgħetx tħallasha paga. Anzi, billi dehrilha illi dak li kienet ħallsitha minn Jannar sal-15 ta' Marzu 2004 kienet ħallsitu bi żball, is-Soċjetà b'ittra tat-2 ta' Ġunju 2004

talbet lil Aquilina troddilha dak li fil-fehma tagħha kienet ħallsitha żejjed.

8. B'ittra tas-7 ta' Frar 2005 Aquilina għarrfet lis-Soċjetà li kienet qiegħda tirriżenja mill-impjieg tagħha. Is-Soċjetà wieġbet fit-30 ta' Marzu 2005 u qalet illi kienet tqis l-ittra ta' riżenja bħala "inutli għaliex il-kumpannija tqisek li inti abbandunajt il-post tax-xogħol tiegħek xhur ilu".

9. Fis-26 ta' Ottubru 2005, imbagħad, inbdew il-proċeduri tallum.

10. L-aggravji tal-appellanti kontra s-sentenza tal-20 ta' Frar 2006 huma mfissra hekk fir-rikors tal-appell tagħhom:

a. Nuqqas ta' apprezzament da parti tal-ewwel onor. qorti tal-parametri regolatorji li jimpinġu fuq il-kwistjoni: kienet il-kwerelanti Dulcima Aquilina li neżżgħet lilha nnifisha mill-protezzjoni tal-liġi meta qabdet u ħadet deċiżjonijiet unilaterali dwar kif għandha teżenta ruħha milli tattendi għad-doveri marbuta mal-impjieg tagħha: mara tqila għandha d-drittijiet tagħha iżda dan ma jfissirx illi għandha d-dritt tiddeċiedi hi meta u kif għandha tieħu f'idejha dawn id-drittijiet, speċjalment tenut kont tal-fatt li, bħal f'dan il-każ, il-kwerelanti ħadet il-liġi f'idejha billi arrogat għaliha nnifisha "drittijiet" ferm oltre dak konċess lilha mil-liġi. Hu ċar illi 1-kwerelanti ma ħadmitx għall-perijodu illi qegħda tippretendi ħlas għalih, u l-liġi ma tagħtix dritt ta' *maternity*, *pregnancy* jew xi xorta oħra ta' *leave* li twassal li persuna titħallas biex ma tagħmel xejn fl-ammont ta' flus li l-ewwel onor. qorti fehmet illi kellha tordna l-ħlas tagħha [*recte*, tiegħu].

b. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-liġi tikkontempla illi persuna titħallas dan l-ammont biex ma tagħmel xejn, il-provi li ġew ippreżentati ma jwasslux illi jikkonfermaw b'mod ċar u inekwivoku li jwasslu għall-grad ta' prova rikjest fil-kamp kriminali, li hu l-kamp fejn il-kwerelanti għażlet li tpoġġi din il-vertenza minflok fil-kamp ċivili li kien il-*forum* aktar appożitu għal vertenza bħal din, li 1-akkużati kienu ħatja: bir-rispett l-appellanti jistaqsu kif l-ewwel onor. qorti setgħet tasal biex tikkonkludi illi *beyond a reasonable doubt* l-istess appellanti kienu ħatja tal-akkużi miġjuba meta anke l-provi dokumentarji ma kinux dokumenti oriġinali u dan apparti n-nuqqasijiet fix-xiehda li ngħatat.

c. Anke dawk il-provi miġjuba juru kunflitt dwar il-perijodu li waqtu l-kwerelanti kienet legalment impjegata mal-kumpannija: l-ittra ta' riżenja li tpoġġiet *in evidence*, apparti li hi kopja, hi ovvjament imbagħbsa u 1-ammont ta' *leave* li hu ċċitat fl-istess ittra juri illi meta nkitbet l-ittra kienet tirreferi għall-perijodu li jwassal għal Frar 2004 u mhux Frar 2005 peress illi l-*leave* sa Frar 2005 kien jiżdied sostanzjalment. Hu ċar għalhekk illi fuq il-bażi ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali, kif ġà ntqal, il-kwerelanti ma tistax ħlief titqies li mhijiex kredibbli, jekk mhux addirittura frawdolenti.

d. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni allura illi l-ittra rilevanti kienet tista' titqies biss illi tirreferi għall-perijodu sa Frar 2004, l-azzjoni kriminali hija preskritta b'għeluq sena.

e. Għal dak li hu piena, il-multa initta tiżboq kull norma ta' raġjonevolezza *stante* illi l-kontestazzjonijiet tal-appellanti ma [kienu] qatt leġġera.

11. Ngħaddu issa biex inqisu dawn l-aggravji wieħed wieħed.

**Dwar jekk il-kwerelanti tilfitx il-jedd għall-ħlas**

12. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jgħidu illi Aquilina bl-imġieba tagħha tilfet il-jedd għall-ħlas. Qegħdin igħidu hekk għax igħidu – bla ma għamlu prova ta' dan – illi l-kondizzjonijiet tal-impjieg tagħha mas-Soċjetà jridu illi impjegat illi ma jmurx għax-xogħol għal għaxart ijiem wara xulxin jew għal għaxar darbiet fi tnax-il xahar jitqies li jkun temm l-impjieg.

13. Dan l-aggravju ma huwiex tajjeb. Barra mill-fatt li, kif ġà għidna, ma saritx il-prova kif trid il-liġi ta' din il-kondizzjoni tal-impjieg, is-Soċjetà stess tagħraf, fl-avviż li tat lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ[1], illi l-impjieg ta' Aquilina ntemm bir-riżenja tagħha fis-7 ta' Frar 2005. Ma huwiex relevanti illi s-soċjetà setgħet kellha raġuni tajba biex ittemmilha l-impjieg qabel dakinhar; li huwa relevanti hu li l-impjieg ma ntemmx qabel dakinhar u, sa dakinhar, baqgħet impjegata bil-jedd għall-paga.

14. Barra minn hekk, ma nġibitx il-prova illi kienet Aquilina illi ħadet id-deċiżjoni illi, kif igħidu l-appellanti, "teżenta ruħha milli tattendi għad-doveri marbuta mal-

---

[1] *Fol*. 29.

impjieg tagħha"; anzi, ix-xiehda turi illi kienu diriġenti tas-Soċjetà li qalulha ma tmurx għax-xogħol u ma sejħulhiex lura meta talbithom igħidulha x'kellha tagħmel.

**Dwar jekk saritx il-prova tal-ħtija lil hemm minn kull dubju raġjonevoli**

15. L-appellanti ikomplu jgħidu li ma saritx il-prova tal-ħtija sal-grad meħtieġ fil-liġi penali ukoll għax "il-provi dokumentarji ma kinux dokumenti oriġinali".

16. L-elementi tar-reat li bih kienu mixlija l-appellanti joħorġu mill-art. 45(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kap. 452]:

**45.** (1) Kull prinċipal li jikser jew jonqos milli joqgħod għal xi kondizzjoni magħrufa ta' impieg preskritta b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur jew bi ftehim kollettiv, jew għal xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu jeħel, sakemm ma jkunx hemm piena differenti stabbilita għal reat bħal dak, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

17. L-elementi għalhekk huma illi l-appellanti huma "prinċipal" tal-impjegata, u li naqsu li jħarsu xi kondizzjoni tal-impjieg, bħal ma hija l-kondizzjoni tal-ħlas tal-paga.

18. Aquilina kienet impjegata ma' *Gozo Channel Company Limited* u l-appellanti ħlief Joseph Borg kienu diretturi jew segretarju ta' dik is-Soċjetà. Joseph Borg ma kellux ħatra fis-Soċjetà fiż-żmien relevanti.

19. L-art. 46 tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

**46.** Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat .

20. Ma saritx il-prova li trid din id-dispożizzjoni tal-liġi biex teħles lill-appellanti mill-ħtija.

21. Ma huwiex kontestat illi l-impjegata ma tħallsitx il-paga li kellha titħallas lilha mill-5 ta' Frar 2005, u, kontra dak li jgħidu l-appellanti, ma tilfitx il-jedd għal dak il-ħlas. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, dwar l-appellanti kollha ħlief Joseph Borg – li ma kienx uffiċjal tas-Soċjetà fiż-żmien relevanti – saret il-prova li trid il-liġi tal-element kollha tar-reat, u dan l-aggravju, ħlief għall-appellant Joseph Borg, ukoll huwa għalhekk ħażin.

**Dwar konflitt ta' provi**

22. L-appellanti jgħid illi hemm konflitt ta' provi għax ma jidhirx ċar mill-ittra nfisha jekk l-ittra ta' riżenja[2] tal-impjegata saritx fis-7 ta' Frar tas-sena 2004 jew tas-sena 2005. Ġà rana, iżda, illi s-Soċjetà stess tagħraf, fl-avviż li tat lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ[3], illi l-impjieg ta' Aquilina ntemm fis-7 ta' Frar 2005, u għalhekk ma hemmx il-konflitt li qegħdin jaraw l-appellanti.

**Dwar il-preskrizzjoni**

23. Il-preskrizzjoni hija regolata bl-art. 47 tal-Kap. 452:

**47.** (1) Proċedimenti għal reat skond dan l-Att jew skond xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħtu jistgħu jinbdew f'kull żmien fi żmien sena mill-għemil tar-reat.

(2) Fejn ir-reat jirreferi għan-nuqqas mill-prinċipal li jħallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif meħtieġ b'dan l-Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-prinċipal jkun naqas li jħallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni.

24. Ladarba r-reat jitqies wieħed kontinwat, igħodd l-art. 691(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid illi "għar-reati kontinwati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi". Fil-każ tallum, iż-żmien beda jgħaddi mill-5 ta' Frar 2005, l-aħħar jum li għalih kellha titħallas il-paga u ma tħallsitx. Il-proċeduri tallum inbdew fis-26 ta' Ottubru 2005, anqas minn sena wara, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni safejn tolqot ir-reat hija miċħuda.

25. Konsiderazzjonijiet oħra jolqtu l-preskrizzjoni tad-dejn ċivili. Din hija ta' tmintax-il xahar, taħt l-art. 2148(*d*) tal-Kodiċi Ċivili. Inkisret bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' April

---

2 *Fol*. 35.

3 *Fol*. 29.

2005, u għalhekk tolqot dak li kellu jitħallas sat-12 ta' Ottubru 2003. Billi, kif jidher mill-prospett maħruġ mid-dipartiment responsabbli għall-impiegi u relazzjonijiet industrijali[4], l-ewwel ħlas li qiegħed jintalab huwa għad-29 ta' Diċembru 2003, il-paga ma waqgħetx bi preskrizzjoni.

26. Il-qorti iżda ma taqbilx għal kollox mal-prospett imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, għax jippretendi illi l-impjegata għandha titħallas ta' *vacation leave* li ma ngħatatx. Fil-fatt, dan il-*vacation leave* ħaditu għax għaż-żmien kollu relevanti hija ma daħlitx għax-xogħol. Kull raġunament illi jrid illi titħallas darbtejn għal żmien li ma ħadmitx huwa assurd. Għalhekk id-dejn ċivili għandu jonqos b'elf, tmien mija u ħmistax-ill lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,815.88)[5] u jinżel għal tmint elef, mija u tliet liri u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm8,103.99)[6], daqs tmintax-il elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€18,877.22).

**Dwar il-piena**

27. L-appellanti qegħdin jappellaw ukoll mill-piena, billi l-ewwel qorti ikkundannathom għall-ħlas ta' multa ta' elf lira (Lm1,000), daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin lira u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

28. Rajna illi l-art. 45 tal-Kap. 452 jaħseb għal piena ta' multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Il-qorti taqbel mal-appellanti illi dan ma huwiex każ fejn kellha tingħata l-ogħla piena. Wara li qieset kemm ir-relatività ma' każijiet simili, il-fatt illi saret talba għal ħlas ta' aktar minn kemm kellu jingħata u l-preċedenti tal-appellanti, il-qorti hija tal-fehma illi multa ta' ħames mitt euro (€500) tkun aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi.

**Konklużjoni**

29. Il-qorti għalhekk, wara li rat l-artt. 5, 15, 45, 46 u 47 tal-Kap. 452 u l-art. 691(1) tal-Kodiċi Kriminali, tirriforma s-sentenza tal-20 ta' Frar 2006 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tħassarha fejn sabet lil Joseph Borg ħati u tikkundannatu

[4] *Foll.* 17 *et seq.*

[5] Lm723.88 + Lm1,016.12 + Lm75.88 = Lm1,815.88

[6] Lm9,919.87 – Lm 1,815.88 = Lm8,103.99.

għall-ħlas ta’ multa u għall-ħlas tad-dejn ċivili, u teħilsu minn kull ħtija u responsabilità, u tirriformaha għall-bqija tal-appellanti billi tikkonfermaha fejn sabet lil dawk l-appellanti ħatja tal-akkużi miġjuba kontriehom u tħassarha fejn ikkundannathom għall-ħlas ta’ multa ta’ elf lira (Lm1,000) – daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – u ordnat il-ħlas ta’ Lm9,919.87 – daqs tlieta u għoxrin elf, mija u seba’ euro u tmien ċenteżmi (€23,107.08) – lill-*ex*-impjegata tas-soċjetà *Gozo Channel Company Limited*, u minflok tikkundannahom għall-ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500) u tikkundannahom iħallsu lill-*ex*-impjegata tas-Soċjetà s-somma ta’ tmintax-il elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€18,877.22).

30. Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------